Nru./No. 21,075
Prezz/Price
€3.60

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 27 ta' Ġunju, 2023
Tuesday, 27th June, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 6953 - 6985
Government Notices ..... *6953 - 6985*

Avviżi tal-Pulizija ..... 6986 - 6991
Police Notices ..... *6986 - 6991*

Avviżi lill-Baħħara ..... 6991 - 6993
Notices to Mariners ..... *6991 - 6993*

Opportunitajiet ta' Impjieg 6993
Employment Opportunities *6993*

Avviżi tal-Gvern ..... 6993 - 7001
Notices ..... *6993 - 7001*

Offerti ..... 7001 - 7004
Tenders ..... *7001 - 7004*

Avviżi tal-Qorti ..... 7004 - 7028
Court Notices ..... *7004 - 7028*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 867

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Brian Montebello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	27.6.2023-30.6.2023

Is-27 ta' Ġunju, 2023

GOVERNMENT NOTICES

No. 867

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Economy, European Funds and Lands has approved the following acting appointment:

27th June, 2023

Nru. 868

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,072 tal-20 ta' Ġunju, 2023 (Avviż Legali 119) u Nru. 21,074 tat-23 ta' Ġunju, 2023 (Avviżi Legali 120 sa 136) rispettivament.

A.L. 119 tal-2023: Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499); Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikoluż, Terminals u Faċilitajiet Marittimi u Bunkering.

A.L. 120 tal-2023: Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili (Kap. 55); Regolamenti tal-2023 li Jiffissaw l-Onorarju li għandu Jitħallas lill-Membri tal-Bord ta' Eżaminaturi.

A.L. 121 tal-2023: Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili (Kap. 55); Regolamenti tal-2023 li jissostitwixxu l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili.

A.L. 122 tal-2023: Att dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi (Kap. 358), Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (Kap. 575); Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' €1,078,200 Stock tal-Gvern ta' Malta bis-7%, 2033 (II).

A.L. 123 tal-2023: Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (Kap. 441); Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li Jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali.

No. 868

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,072 of 20th June, 2023 (Legal Notice 119) and No. 21,074 of 23rd June, 2023 (Legal Notices 120 to 136) respectively.

L.N. 119 of 2023: Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Dangerous Cargo Ships, Marine Terminals and Facilities and Bunkering (Amendment) Regulations, 2023.

L.N. 120 of 2023: Notarial Profession and Notarial Archives Act (Cap. 55); Members of the Board of Examiners (Fixing of Honorarium) Regulations, 2023.

L.N. 121 of 2023: Notarial Profession and Notarial Archives Act (Cap. 55); Notarial Profession and Notarial Archives Act (Substitution of Schedule) Regulations, 2023.

L.N. 122 of 2023: Ecclesiastical Entities (Properties) Act (Cap. 358), Government Borrowing and Management of Public Debt (Cap. 575); Directive by the Minister for Finance for the issue of €1,078,200 7% Malta Government Stock, 2033 (II).

L.N. 123 of 2023: Trading Licences Act (Cap. 441); Activities Requiring Permit by Local Councils (Amendment) Regulations, 2023.

A.L. 124 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinament tal-2023 biex jemenda l-Ordinament tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Humanities – B.Hums – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

L.N. 124 of 2023: Education Act (Cap. 327); Bye-Law of 2023 to amend the Bye-Laws of 2014 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2019 for the Degree of Bachelor of Humanities – B.Hums – under the auspices of the Faculty of Arts.

A.L. 125 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts – B.A. – u Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

L.N. 125 of 2023: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2023 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2019 for the Degrees of Bachelor of Arts – B.A – and Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – under the auspices of the Faculty of Arts.

A.L. 126 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Theology – B.A. (Hons) Theology – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija.

L.N. 126 of 2023: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2023 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2019 for the Degree of Bachelor of Arts (Honours) in Theology – B.A. (Hons) Theology – under the auspices of the Faculty of Theology.

A.L. 127 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Mediterranean Agro-Ecosystems Management taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali.

L.N. 127 of 2023: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2023 to amend the Bye-Laws of 2010 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2019 for the Degree of Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Mediterranean Agro-Ecosystems Management under the auspices of the Institute of Earth Systems.

A.L. 128 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2023 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Midwifery) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

L.N. 128 of 2023: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2023 for the Selection of Applicants for Admission to the Bachelor of Science (Honours) (Midwifery) Degree Course under the auspices of the Faculty of Health Sciences.

A.L. 129 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2023 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Radiography) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

L.N. 129 of 2023: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2023 for the Selection of Applicants for Admission to the Bachelor of Science (Honours) (Radiography) Degree Course under the auspices of the Faculty of Health Sciences.

A.L. 130 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolament tal-2023 biex jemenda r-Regolamenti tal-Kors għas-Certificate in Foundation Studies.

L.N. 130 of 2023: Education Act (Cap. 327); Certificate in Foundation Studies Course (Amendment) Regulation, 2023.

A.L. 131 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Creativity and Innovation taħt il-patroċinju tal-Istitut Edward de Bono għat-Tfassil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb.

L.N. 131 of 2023: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2023 to amend the Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master in Creativity and Innovation under the auspices of the Edward de Bono Institute for the Design and Development of Thinking.

A.L. 132 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinament tal-2023 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Gerontology and Geriatrics – M.Ger. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

L.N. 132 of 2023: Education Act (Cap. 327); Bye-Law of 2023 to amend the Bye-Laws of 2016 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master of Gerontology and Geriatrics – M.Ger. – under the auspices of the Faculty for Social Wellbeing.

A.L. 133 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolament tal-2023 biex jemenda r-Regolamenti tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola.

L.N. 133 of 2023: Education Act (Cap. 327); Matriculation Examination (Amendment) Regulation, 2023.

A.L. 134 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolament tal-2023 biex jemenda r-Regolamenti dwar iċ-Ċertifikazzjoni ta' Taqsimiet-Studju u Għotjiet.

L.N. 134 of 2023: Education Act (Cap. 327); Individual Study-Units and Awards (Amendment) Regulation, 2023.

A.L. 135 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinament tal-2023 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali.

L.N. 135 of 2023: Education Act (Cap. 327); Bye-Law of 2023 to amend the Bye-Laws of 2019 in terms of the Doctor of Philosophy – Ph.D. – Degree Regulations, 2023 for the Degree of Doctor of Philosophy – Ph.D. – under the auspices of the Institute of Earth Systems.

A.L. 136 tal-2023: Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363); Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet.

L.N. 136 of 2023: Local Government Act (Cap. 363); Temporary Placing of Caravans in Localities Regulations, 2023.

Is-27 ta' Ġunju, 2023

27th June, 2023

Nru. 869

No. 869

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 549)

Artiklu 69 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent

Article 69 of the Environment Protection Act

Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni tal-Bejta tal-Fekruna fir-Ramla (Għawdex)

Ir-Ramla (Gozo) Turtle Nesting Emergency Conservation Order

L-AWTORITÀ għall-Ambjent u r-Riżorsi qiegħda b'dan toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni fuq is-sit kif deskritt hawn isfel skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 69 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent għall-iskop ta' konservazzjoni ta':

THE Environment and Resources Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the site as described below in accordance with Article 69 of the Environment Protection Act, for the purpose of conservation of:

Ir-Ramla (Għawdex)

Ir-Ramla (Gozo)

u ż-żona tal-madwar hekk kif indikat fil-mappa tas-sit taħt Skeda I (ara l-mappa tas-sit fuq paġna 6959), aktar 'il quddiem imsejħa 'Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni', minħabba li dan is-sit huwa ta' importanza ekoloġika u xjentifika u hemm bżonn ta' konservazzjoni.

and its surroundings as per site plan under Schedule I (see site plan on page 6959), hereinafter referred to as 'the Emergency Conservation Area', due to the ecological and scientific importance of the site and the need for conservation.

Ir-regolamenti li ġejjin għandhom japplikaw:

The following regulations shall apply:

1. Għall-fini tal-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni, il-kliem 'Awtorità'; 'konservazzjoni'; u 'persuna' għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent.

1. For the purpose of the Emergency Conservation Order, the terms 'Authority'; 'conservation'; and 'person' shall have the same meaning as that defined in the Environment Protection Act.

2. Iż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni tista' tkun sorveljata kontinwament inter alia permezz ta' site post temporanju.

2. The Emergency Conservation Area may be monitored continuously *inter alia* by means of a temporary site post.

3. Ebda persuna m'għandha, fiż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni, sakemm mhux bl-awtorizzazzjoni tal-Awtorità:

3. No person shall, within the Emergency Conservation Area, unless authorised by the Authority:

a) bi kwalunkwe mod, tieħu jew tipprova tieħu, tiddisturba, tikkawża ħsara jew teqred xi bajd, frieħ jew adulti tal-fkieren tal-baħar, kemm ħajjin jew mejtin;

b) tidħol jew tipprova tidħol, jew b'xi mod tassisti persuna oħra biex tidħol fiż-żona magħluqa mill-Awtorità;

c) tneħħi kull tip ta' oġġett jew parti minn, apparat u tagħmir użat sabiex tiġi magħluqa żona mill-Awtorità, jew kwalunkwe installazzjoni anċillari jew sinjali uffiċjali installati mill-Awtorità;

d) iddendel, twaħħal jew tehmeż jew tipprova ddendel, twaħħal, jew tehmeż xi oġġett fuq l-apparat u tagħmir użat sabiex tiġi magħluqa iż-żona madwar il-bejta mill-Awtorità jew, bi kwalunkwe mezz ieħor tikkomprometti jew tipprova tikkomprometti l-integrità tat-tagħmir jew apparat użat;

e) tpoġġi jew tipprova tpoġġi kwalunkwe tip ta' oġġett jew materjal ieħor fiż-żona magħluqa mill-Awtorità;

f) tħalli xi annimal tagħha jew li huwa fil-kontroll tagħha jidħol jew jipprova jidħol fiż-żona magħluqa mill-Awtorità jew jagħmel ħsara lill-apparat u tagħmir installat sabiex tiġi magħluqa ż-żona;

g) tnaddaf, jew tneħħi żibel, skart jew kwalunkwe oġġett ieħor miż-żona magħluqa mill-Awtorità, sakemm mhux bl-idejn;

h) tpoġġi jew tipprova tpoġġi kwalunkwe oġġett, li fi kwalunkwe ħin bejn tlugħ ix-xemx u nżul ix-xemx, jista' jitfa' jew joħloq dell fiż-żona magħluqa mill-Awtorità;

i) tiddepożita kwalunkwe żibel, sakemm mhux fir-reċipjenti taż-żibel jew faċilitajiet oħra pprovduti għal dan il-għan;

j) mis-sitta u nofs ta' filgħaxija (630 p.m.) ta' kull ġurnata sas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30 a.m.) tal-ġurnata ta' wara, tikkampja jew tipparteċipa fi kwalunkwe attività ta' kkampjar;

k) tipparteċipa fi kawlunkwe attività organizzata li tikkonsisti fi grupp ta' iżjed minn 10 persuni;

l) issuq, timmanuvra jew tipparkja kwalunkwe vettura fuq ir-ramel;

m) tħaddem ġeneraturi li jiġġeneraw l-elettriku permess tal-fjuwil jew apparat mekkaniku iehor li jaħdem bil-fjuwil fuq l-art;

n) tagħmel użu jew tkun fil-pussess ta' kwalunkwe apparat li jarmi mewġ elettromanjetiku jew kwalunkwe tip ta' radjazzjoni li tkun manifatturata biex teżamina taħt il-wiċċ tal-art jew li tgħaddi minn ġol-oġġetti.

a) in any way, take or attempt to take, disturb, damage or destroy any eggs, turtle hatchlings or adult marine turtle, whether alive or dead;

b) enter or attempt to enter, or in any way assist any other person to enter the area cordoned-off by the Authority;

c) remove any portion of, or object making up, the cordoning installed by the Authority or any ancillary installation or any official signage installed by the Authority;

d) hang, affix or append or attempt to hang, affix or append any object on the cordoning installed by the Authority around the nest or in any manner compromise or attempt to compromise the integrity of the cordoning;

e) place or attempt to place any object or material into the area cordoned off by the Authority;

f) allow any animal under his ownership or responsibility to enter or attempt to enter the area cordoned off by the Authority or to otherwise damage the cordoning so installed;

g) remove any litter, waste or article whatsoever from the area cordoned off by the Authority unless by hand;

h) place or attempt to place any object that, at any time between sunrise and sunset, may cast a shadow inside the area cordoned off by the Authority;

i) deposit any litter, unless this is deposited in the litter bins or other litter collection facilities provided for such purpose;

j) from half past six in the evening (6.30 p.m.) of any day until half past seven in the morning (7.30 a.m.) of the following day, camp or participate in any camping activity;

k) participate in any organised activity involving a group of more than 10 persons;

l) drive, manoeuvre or park any vehicle over the sand;

m) utilise fuel powered electricity generators or fuel powered mechanised equipment on land;

n) make use or be in possession of any device capable of emitting electromagnetic waves or any kind of radiation which is purposely manufactured to scan below the surface of the ground or through objects;

o) iddoqq mużika b'volum għoli;

p) ikollha fil-pusses, tarma, taħraq jew tqabbad kwalunkwe tip ta' materjal pirotekniku, logħob tan-nar jew splussiv ieħor;

q) tinstalla kwalunkwe nassa, xibka, tip ta' konz jew apparat simili li jista' b'xi mod jaqbad jew jagħmel ħsara lil bajd tal-fkieren, il-frieħ jew adulti tal-fkieren;

r) tkala jew ikollha fil-pusses kwalunkwe xibka tal-parit, xkitt jew kull xorta ta' xibka tas-sajd;

s) tneħħi kull tip ta' fdalijiet tal-alka magħmula minn *Posidonia oceanica* jew *Cymodocea nodosa* minn quddiem iż-żona magħluqa mill-Awtorità faċċata tal-baħar għajr bl-idejn jew bl-użu ta' għodda tal-idejn mhux mekkanizati.

4. Ebda persuna m'għandha fiż-żona fejn japplikaw iktar restrizzjonijiet kif indikat fil-mappa tas-sit fi Skeda I, tipparteċipa fi kwalunkwe attività ta' catering jew barbecues fuq l-art.

5. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet t'hawn fuq, ebda persuna m'għandha, mit-28 ta' Lulju, 2023, mis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30 p.m.) ta' kull ġurnata sas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30 a.m.) tal-ġurnata ta' wara u fiż-żona fejn japplikaw iktar restrizzjonijiet kif indikat fil-mappa tas-sit fi Skeda I:

a) tqiegħed, tħalli jew tinstalla kwalunkwe oġġett, jew tipprova tqiegħed, tħalli jew tinstalla kwalunkwe oġġett li jista' b'xi mod ifixkel jew ixekkel il-passaġġ jew għandu l-potenzjal li jfixkel jew ixekkel il-passaġġ tal-frieħ tal-fkieren miż-żona magħluqa mill-Awtorità lejn il-baħar;

b) fil-baħar, tpoġġi jew tqiegħed kwalunkwe oġġett jew installazzjoni jew tipprova tpoġġi jew tqiegħed kwalunkwe oġġett jew installazzjoni li jista' raġonevolment b'xi mod ifixkel jew ixxekkel il-passaġġ jew li raġonevolment għandu l-potenzjal li jfixkel jew ixxekkel il-passaġġ tal-frieħ tal-fkieren lejn il-baħar miftuħ;

c) tħaffer ħofor fir-ramel;

d) tagħmel użu minn jew tkun fil-pusses ta' kull xorta ta' apparat li jitfa' dwal għal skopijiet ta' sajd jew għall-qbid ta' fawna:

Iżda dawn id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq għandhom japplikaw ukoll fi kwalunkwe ħin f'każ li l-bajd ifaqqsu barra mill-ħinijiet ristretti.

6. Minkejja kwalunkwe awtorizzazzjoni jew permess maħruġ mill-Awtorità jew kwalunkwe awtorizzazjoni jew

o) play loud music;

p) be in possession of, set up, light up or let off any sort of pyrotechnic material, fireworks or explosives;

q) install any trap, net, any type of long-line or similar devices that in any way may catch or harm any turtle egg, turtle hatchling or adult turtle;

r) deploy or be in possession of any gill net; trammel net or fishing net of any sort;

s) remove any *Posidonia oceanica* or *Cymodocea nodosa* wrack (*alka*) from the seaward side in front of the area cordoned off by the Authority unless by hand or with the use of hand-held unmechanised tools;

4. No person shall within the area subject to further restrictions as indicated in the site plan in Schedule I, participate in any catering activity or any barbecue, on land.

5. Without prejudice to the above provisions, from the 28th July, 2023, from half past six in the evening (6.30 p.m.) of any day until half past seven in the morning (7.30 a.m.) of the following day, no person shall within the area subject to further restrictions as indicated in the site plan in Schedule I:

a) place, deposit or install any object, or attempt to place, install or deposit any object, that in any way may hinder or has the potential to hinder the safe passage of juvenile turtles from the area cordoned-off by the Authority to the sea;

b) at sea, place or deploy any object or installation or attempt to place or deploy any object or installation, that in any way may reasonably hinder or has the potential to reasonably hinder the safe passage of juvenile turtles towards the open sea;

c) dig any holes in the sand;

d) utilise or be in possession of any sort of lighting device for fishing purposes or the capturing of any fauna:

Provided that the above provisions shall also apply at any time in the event of a hatching episode occurring outside of such restricted times.

6. Notwithstanding any authorisations or permits already afforded by the Authority or any other permits

permessi maħruġa taħt liġijiet oħrajn, ma jista' isir l-ebda forma ta' tindif tar-ramel b'mod mekkanizzat jew interventi mekkaniċi fiż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni skont Skeda I, sakemm mhux bil-permess mill-Awtorità.

or authorisations issued under any other law, no form of mechanised beach cleaning activity or mechanical interventions shall occur within the Emergency Conservation Area designated under Schedule I, unless duly permitted by the Authority.

7. Mit-28 ta' Lulju, 2023, sad-data indikata fil-paragrafu 9, ebda persuna m'għandha fiż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni jew fil-viċinanzi taż-Żona ta' Konservazzjoni ta' Emerġenza, mis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30 p.m.) ta' kull ġurnata sas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30 a.m.) tal-ġurnata ta' wara, tiġġenera dawl jekk mhux mgħotti b'tali mod li ma jkunx viżibbli b'mod dirett miż-żona magħluqa mill-Awtorità jew jekk id-dawl mhux mgħotti b'filtru kkulurit aħmar:

7. From 28th July, 2023, until the date indicated in paragraph 9, no person shall within the Emergency Conservation Area or in the vicinity of the Emergency Conservation Area, from half past six in the evening (6.30 p.m.) of any day until half past seven in the morning (7.30 a.m.) of the following day, generate any light unless screened in such a way as not to be directly visible from the area cordoned-off by the Authority or such light covered with a red coloured filter:

Iżda din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għad-dawl tan-navigazzjoni obbligatorju użat mill-bastimenti.

Provided that this provision shall not apply to compulsory navigational lights of seagoing vessels.

8. Ebda persuna ma tista' fiż-Żona ta' Konservazzjoni ta' Emerġenza jew fil-viċinanzi taż-Żona ta' Konservazzjoni ta' Emerġenza tiġġenera storbju jew vibrazzjonijiet eċċessivi.

8. No person shall within the Emergency Conservation Area or in the vicinity of the Emergency Conservation Area generate any excessive noise or vibrations.

9. Din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni hija valida mid-data tal-pubblikazzjoni sas-27 ta' Awwissu, 2023, u hija mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (L.S. 549.44) u tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tar-Rettili (L.S. 549.02).

9. This Emergency Conservation Order shall be valid from the date of issue up to the 27th August, 2023, and shall be without prejudice to the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations (S.L. 549.44) and the Reptile (Protection) Regulations (S.L. 549.02).

10. (1) Il-Protezzjoni mogħtija liż-Żona ta' Emerġenza għalll-Konservazzjoni għandu jkollha l-istess effett daqs dik mogħtija lis-siti li jidħlu taħt il-kappa tan-Network Ekoloġiku Nazzjonali u Siti Speċjali ta' Konservazzjoni ai termini tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (L.S. 549.44).

10. (1) The protection allocated to the Emergency Conservation Area has the same effect as the inclusion of the area in the National Ecological Network and Special Areas of Conservation in terms of the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations (S.L. 549.44).

(2) Il-provedimenti inklużi fl-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni huma:

(2) The provisions included in this Emergency Conservation Order are:

i) ikkunsidrati bħala miżuri ta' konservazzjoni li jindirizzaw l-objettivi globali ta' konservazzjoni bl-għan li jipproteġu l-fekruna tal-baħar, *Caretta caretta* u l-bejta tagħha; u

i) considered as conservation measures addressing the overall conservation objective aimed at protecting the loggerhead turtle, *Caretta caretta*, in its nesting site; and

ii) meħtieġa sabiex dan is-sit protett jiġi mħares skont il-provedimenti tar-regolamenti 14 u 19 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (L.S. 549.44).

ii) required for such protected site in line with the requirements of regulations 14 and 19 of the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations (S.L. 549.44).


11. Kwalunkwe persuna li taġixxi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni tkun punibbli skont l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549).

11. Any person who acts in contravention of any provision of this Emergency Conservation Order shall be punishable in accordance with the Environment Protection Act (Cap. 549).

Is-27 ta' Ġunju, 2023

27th June, 2023

Ordni ta' Emerġenża għall-Konservazzjoni - Ir-Ramla (Għawdex) u l-inħawi tal-Madwar



ERA
Environment & Resources Authority
Hexagon House, Spencer Hill, Marsa, MRS 1441, Malta
T | +356 2292 3500 W | era.org.mt

Key

Żona fej tapplika L-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni

Żona fej japplikaw iktar restrizzjonijiet



Bounding Co-ordinates of Map (UTM / Metres):

Min E 435,001; N 3,991,850
Max E 435,952; N 3,991,019

Published by the Environment & Resources Authority ©

SIntegraM Basemap, 2018, Developing Spatial Data Integration for the Maltese Islands, Planning Authority

Nru. 870

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IKLIN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 940 tal-11 ta' Settembru, 2012, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Iklin', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 870

NUMBERING OF DOORS AT L-IKLIN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 940 dated 11th September, 2012, under the title 'Renumbering of doors at L-Iklin', the following amendments in **bold** should be made.

L-IKLIN

TRIQ IL-KLIN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq in-Naxxar		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq in-Naxxar	
Left side entering from Triq in-Naxxar		*Right side entering from Triq in-Naxxar*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Osprey	85		
Garaxx	87		
Garaxx	89		
Maria Dolores	91		
Garaxx	93		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
85, Osprey	85		
87 (Garaxx)	87		
Garaxx	**89**		
91, Maria Dolores (Flettijiet)	**91**		
93 **(Ħanut)**	93		

Is-27 ta' Ġunju, 2023

27th June, 2023

Nru. 871

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 785 tal-14 ta' Settembru, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mosta', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 871

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 785 dated 14th September, 2001, under the title 'Renumbering of doors at Il-Mosta', the following amendment in **bold** should be made.

IL-MOSTA

6. TRIQ IL-BARRIERI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Oratorju		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Oratorju	
Left side entering from Triq l-Oratorju		*Right side entering from Triq l-Oratorju*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		41	24
		40, My God	26
		39, Il-Presepju	28

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		24	24

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
26, My God	26
Garaxx	**26A**
28, **Utopia**	28

Is-27 ta' Ġunju, 2023

Nru. 872

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIN-NAXXAR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 959 tal-1 ta' Diċembru, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fin-Naxxar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

27th June, 2023

No. 872

NUMBERING OF DOORS AT IN-NAXXAR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 959 dated 1st December, 2000, under the title 'Renumbering of doors at In-Naxxar', the following amendments in **bold** should be made.

IN-NAXXAR

39. TRIQ L-IMĦALLA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Musbieħ
Left side entering from Triq il-Musbieħ

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Musbieħ
Right side entering from Triq il-Musbieħ

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Madonna tat-Triq	26
Tbissima	28
Garaxx	30
Casa Carbonaro	32
Garaxx	34
Garaxx	36
Garaxx	38
Kenn Tagħna	40
Garaxx	42
Victoria Mansions (Flats 1-4)	44

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
26, **Clover**	26
28, Tbissima	**28**
Daħla għall-garaxxijiet	**28A**
30, Tal-Qalila (Flettijiet)	**30**
32A, Karanne	**32**
Garaxx	**32A**
32B, Casa Carbonaro	**32B**
Daħla għall-garaxxijiet	**34**
Orchid Court	**36**
Bieb bla numru	**38**
Daħla għall-garaxxijiet	**40**
Daħla għall-garaxxijiet	**42**
Bieb bla numru	**42A**
44, Victoria Mansions (Flats 1-4)	44

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Dar)	52
Il-Warda	54

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		52, **Denia**	52
		Garaxx	**52A**
		54, Il-Warda	54

Is-27 ta' Ġunju, 2023

27th June, 2023

Nru. 873

No. 873

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIN-NAXXAR

NUMBERING OF DOORS AT IN-NAXXAR

Emendi

Amendments

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 982 tal-20 ta' Settembru, 2012, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fin-Naxxar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

WITH reference to Government Notice No. 982 dated 20th September, 2012, under the title 'Renumbering of doors at In-Naxxar', the following amendments in **bold** should be made.

IN-NAXXAR

TRIQ SAN PAWL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Parroċċa

Left side entering from Triq il-Parroċċa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Diamicm	159
Joeanne House	161
Dorothy House	163
Paul House	165

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Parroċċa

Right side entering from Triq il-Parroċċa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
159, Diamich	159
Ta' Ġużanna (Flettijiet)	**161**
163, Dorothy	**163**
Daħla għall-garaxxijiet	**163A**
Sit qed jinbena	165

Is-27 ta' Ġunju, 2023

27th June, 2023

Nru. 874

No. 874

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL QORMI

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL QORMI

Emendi

Amendments

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 686 tal-25 ta' Awwissu, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Qormi', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

WITH reference to Government Notice No. 686 dated 25th August, 2000, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Qormi', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL QORMI

9. TRIQ CORREA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Spiteri Fremond

Left side entering from Triq Spiteri Fremond

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Spiteri Fremond

Right side entering from Triq Spiteri Fremond

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
86	36

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		84	38
		Bieb bla numru (Dar)	40

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		36	36
		84B, Greenlight	**38**
		Bieb bla numru	**38A**
		40	40

Is-27 ta' Ġunju, 2023

Nru. 875

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN ĠWANN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 564 tal-11 ta' Lulju, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'San Ġwann', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

27th June, 2023

No. 875

NUMBERING OF DOORS AT SAN ĠWANN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 564 dated 11th July, 2000, under the title 'Renumbering of doors at San Ġwann', the following amendments in **bold** should be made.

SAN ĠWANN

63. TRIQ IS-SEBUQA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq is-Santwarju

Left side entering from Triq is-Santwarju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq is-Santwarju

Right side entering from Triq is-Santwarju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Penmarric	30
Garaxx	32
Campino	34
Garaxx	36
Garaxx	38
Sea Breeze	40

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		30, Penmarric	30
		32 (Garaxx)	32
		36, Xagħriet il-Għar (Flettijiet)	**34**
		38	**36**
		38 (Garaxx)	38
		40, Sea Breeze	40

Nru. 876

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 532, tal-10 ta' Lulju, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mellieħa', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

No. 876

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 532, dated 10th July, 1998, under the title 'Renumbering of doors at Il-Mellieħa', the following prolongation in **bold** should be made.

IL-MELLIEĦA

26. TRIQ IL-MARLOZZ

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Arżnell *Left side entering from Triq l-Arżnell*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Arżnell *Right side entering from Triq l-Arżnell*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
67, Loveboat	67	72, Iris Court (1-7)	72
	għandhom jiżdiedu *should be added*		
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	**69**	**Belle View Apartments**	**74**
71, Summer Blessing	**71**	**Jack**	**76**
73, Sea Shells (Flettijiet)	**73**		
75, Micsil	**75**		
Garaxx	**77**		
Brise de Mer	**79**		

Is-27 ta' Ġunju, 2023

27th June, 2023

Nru. 877

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SWATAR, L-IMSIDA

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1076 tal-15 ta' Ottubru, 2004, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Imsida', għandhom isiru dawn l-emendi u prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 877

NUMBERING OF DOORS AT IS-SWATAR, L-IMSIDA

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 1076 dated 15th October, 2004, under the title 'Renumbering of doors at L-Imsida', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

IS-SWATAR, L-IMSIDA

1. TRIQ IL-ĠOSTRA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq iż-Żerniq, Is-Swatar, Birkirkara *Left side entering from Triq iż-Żerniq, Is-Swatar, Birkirkara*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq iż-Żerniq, Is-Swatar, Birkirkara *Right side entering from Triq iż-Żerniq, Is-Swatar, Birkirkara*	
Emendi – ***Amendments***			
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Daħla għall-garaxxijiet	36
		Sillato Lodge	38
		Garaxx	40

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		36 (Daħla għall-garaxxijiet)	36
		Cumber Lodge (Flettijiet)	**38**
		Bieb bla numru	**40**

Prolungament – ***Prolongation***

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Bieb bla numru	40

għandu jiżdied
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Garaxx	**42**

Is-27 ta' Ġunju, 2023

27th June, 2023

Nru. 878

No. 878

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ, IN-NAXXAR

Emendi, Prolungament u Żieda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 629 tal-20 ta' Lulju, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fin-Naxxar', għandhom isiru dawn l-emendi, prolungament u żieda kif indikati b'tipi **grassi**.

NUMBERING OF DOORS AT BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ, IN-NAXXAR

Amendments, Prolongation and Addition

WITH reference to Government Notice No. 629 dated 20th July, 2001, under the title 'Numbering of doors at In-Naxxar', the following amendments, prolongation and addition in **bold** should be made.

BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ, IN-NAXXAR

55. TRIQ IR-RIDOTT

Emendi – ***Amendments***

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Xatt il-Palm

Left side entering from Xatt il-Palm

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Victoria	1
B	3
Bieb imbarrat	5
Garaxx	7
Garaxx	9
Eve	11
Dawn	13
Garaxx	15
Bieb bla numru (Dar)	17

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Xatt il-Palm

Right side entering from Xatt il-Palm

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	**1**		
Bieb bla numru	**1A**		
Bieb bla numru (Flettijiet)	**3**		
5 (Bieb imbarrat)	5		
7 (Garaxx)	7		
9 (Garaxx)	9		
11, Eve	11		
13	13		
Salzburg	**15**		
Munich	**15A**		
17, Gatt House	17		

Prolungament – *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
33	33		

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	**35**		
Bieb bla numru	**37**		
Bieb bla numru	**39**		

Żieda – *Addition*

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Xatt il-Palm

Left side entering from Xatt il-Palm

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Xatt il-Palm

Right side entering from Xatt il-Palm

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	**2**
Sit bla bini	**4**
Sit bla bini	**6**
Sit bla bini	**8**
Sit bla bini	**10**
Sit bla bini	**12**
Palm Beach Block C	**14**
97	**16**
Palm Beach Block A	**18**
96	**20**
Diamond Estates (Uffiċċju)	**22**
Bieb bla numru	**24**
Veduta Hills Block A	**26**

Nru. 879

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Żieda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 785, tal-14 ta' Settembru, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mosta', għandha ssir din iż-żieda kif indikat b'tipi **grassi**.

No. 879

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Addition

WITH reference to Government Notice No. 785, dated 14th September, 2001, under the title 'Renumbering of doors at Il-Mosta', the following addition in **bold** should be made.

IL-MOSTA

13. TRIQ CAMILLO SCEBERRAS

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Patri Ġużè Delia *Left side entering from Triq Patri Ġużè Delia*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Patri Ġużè Delia *Right side entering from Triq Patri Ġużè Delia*	
		għandhom jiżdiedu *should be added*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Quartz (Flettijiet)	**1**		
Amber	**3**		
Zircon	**5**		
Opal (Flettijiet)	**7**		
Sit bla bini	**9**		
Sit bla bini	**11**		
Sit bla bini	**13**		
Sit bla bini	**15**		
Bieb bla numru	**17**		
Bieb bla numru	**19**		
Bieb bla numru	**21**		
Daħla għall-garaxxijiet	**23**		

Is-27 ta' Ġunju, 2023

27th June, 2023

Nru. 880

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Elisa Falzon bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Francesca Portelli u dan għall-perjodu bejn it-13 ta' Lulju, 2023 u l-1 ta' Settembru, 2023.

Illum 22 ta' Ġunju, 2023

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 880

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Elisa Falzon to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Francesca Portelli for the period between the 13th of July, 2023 and the 1st of September, 2023.

Today the 22nd June, 2023

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 881

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET (KAP. 296)

Avviż li hemm il-Ħsieb li Titoli ta' Art Jiġu Rreġistrati

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:

No. 881

LAND REGISTRATION ACT

(CAP. 296)

Notice of Intention to Register Titles to Land

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	LR-A *LR-A*
Għajnsielem	Irtirar ta' applikazzjoni LRA642/2023	Fenech Joseph et	LRA1294/2023
Għajnsielem	*Withdrawal of application LRA642/2023*	*Fenech Joseph et*	
Għajnsielem	Appartament Nru 24, 'Sunset Court', Triq ix-Xatt l-Aħmar	Taylor Josephine et	LRA1319/2023
Għajnsielem	*Apartment No. 24, 'Sunset Court', Triq ix-Xatt l-Aħmar*	*Taylor Josephine et*	
Għajnsielem	1/2 indiviż mill-fond Nru 46, 'Sagra Familja', Triq Ħamri	Spiteri Rita	LRA1321/2023
Għajnsielem	*1/2 undivided share of Premises No. 46, 'Sagra Familja', Triq Ħamri*	*Spiteri Rita*	
Għajnsielem	Korrezzjoni ta' proprjetà 22003667 tal-pjanti rilevanti	Pantalleresco Martha	LRA1333/2023
Għajnsielem	*Correction of property 22003667 of relevant plans*	*Pantalleresco Martha*	
L-Għarb	Korrezzjoni ta' proprjetà 23000125 tal-pjanti rilevanti	Kreupl Lesly Gail	LRA1299/2023
Għarb	*Correction on property 23000125 of relevant plans*	*Kreupl Lesly Gail*	
Ta' Kerċem	Korrezzjoni ta' LRA1735/22 tal-kuntratt	Portelli Jeremy	LRA1341/2023
Ta' Kerċem	*Correction of LRA1735/22 of contract*	*Portelli Jeremy*	
Ta' Kerċem	Porzjon art magħrufa 'Tal-Għolja ta' Santa Luċija'	Azzopardi Raymond et	LRA1342/2023
Ta' Kerċem	*Portion of land known as 'Tal-Għolja ta' Santa Luċija'*	*Azzopardi Raymond et*	
In-Nadur	Garaxx Nru 2, Triq tad-Duru	Borg Carmelo	LRA1291/2023
Nadur	*Garage No. 2, Triq tad-Duru*	*Borg Carmelo*	
In-Nadur	Korrezzjoni ta' proprjetà 43000958 tal-pjant rilevanti	Vella Etienne et	LRA1302/2023
Nadur	*Correction of property 43000958 of relevant plans*	*Vella Etienne et*	
In-Nadur	Mezzanin 'Tan-Nanna Tona', Triq il-Knisja	Scicluna David	LRA1323/203
Nadur	*Masionette 'Tan-Nanna Tona', Triq il-Knisja*	*Scicluna David*	
In-Nadur	Mezzanin 'Tan-Nanna Tona', Triq il-Knisja	Ellul Pullicino Angele et	LA1324/2023

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	LR-A *LR-A*
Nadur	*Masionette 'Tan-Nanna Tona', Triq il-Knisja*	*Ellul Pullicino Angele et*	
In-Nadur	1/2 indiviż Fond Nru 47, Triq ir-Ramla, tal-kejl ta' 657m.k.	Paroċċa Nadur	LRA1346/2023
Nadur	*1/2 undivided share of Premises No. 47, Triq ir-Ramla, covering an area of 657s.m.*	*Nadur Parish*	
Il-Qala	1/9 indiviż Fond 32, Pjazza San Ġużepp, u in parti part transmission ta' proprjetà 48002923	Vella Etienne et	LRA1303/2023
Qala	*1/9 undivided share of Premises 32, Pjazza San Ġużepp, and in part part transmission of property 48002923*	*Vella Etienne et*	
Il-Qala	14/35 indiviż mill-art magħrufa 'Tal-Palma' tal-kejl ta' 3425m.k.	Vella Etienne et	LRA1304/2023
Qala	*14/35 undivided share of land known as 'Tal-Palma' covering an area of 3425s.m.*	*Vella Etienne et*	
Il-Qala	Appartament 3, 'Corona Flats', Triq iż-Żewwieqa, u in parti transfer ta' proprjetà 48002076	Eldeby Jan Christer et	LRA1347/2023
Qala	*Flat 3, 'Corona Flats', Triq iż-Żewwieqa, and in part transfer of property 48002076*	*Eldebry Jan Christer et*	
Ir-Rabat, Għawdex	Korrezzjoni ta' proprjetà 11001271 u 11001272 tal-pjanti rilevanti	Excel Investments Limited	LRA1334/2023
Victoria, Gozo	*Correction of property 11001271 and 11001272 of relevant plans*	*Excel Investments Limited*	
San Lawrenz	1/2 indiviż Dar Nru 9, Triq San Lawrenz	Yldiz Rose Jacqueline	LRA1332/2023
San Lawrenz	*1/2 undivided share of House No. 9, Triq San Lawrenz*	*Yldiz Rose Jacqueline*	
San Lawrenz	1/2 indiviż Dar Nru 9, Triq San Lawrenz	Yldiz Rose Jacqueline	LRA1332/2023
San Lawrenz	*1/2 undivided share of House No. 9, Triq San Lawrenz*	*Yldiz Rose Jacqueline*	
Ta' Sannat	Korrezzjoni ta' proprjetà 56000680 tal-pjanti rilevanti	Camilleri Margerita	LRA1296/2023
Ta' Sannat	*Correction on property 56000680 of relevant plans*	*Camilleri Margerita*	
Ix-Xewkija	Dirett Dominju Perpetwu Art magħrufa 'Ta' Keraba' sive 'Għeraba', Triq San Duminku, tal-kejl ta' 5943m.k.	Gvern ta' Malta	LRA1345/2023
Xewkija	*Perpetual Direct Dominium land known as 'Ta' Keraba' sive 'Għeraba', Triq San Duminku, covering an area of 5943s.m.*	*Government of Malta*	

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, L-Amministrazzjoni, Triq ta' Wara s-Sur, Ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 p.m.

Dott. Miriam Rapa, LLD
għar-Reġistratur tal-Artijiet

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, The Administration, Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.00 p.m.

Dr Miriam Rapa, LLD
for/Land Registrar

Nru. 882

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET (KAP. 296)

Avviż li hemm il-Ħsieb li Titoli ta' Art Jiġu Reġistrati

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Il-Birgu	Korrezzjoni ta' proprjetà 03000238 tal-pjanti rilevanti	Harding Roberts Jeremy Tristan		LRA2708/2023
Birgu	*Correction of property 03000238 of relevant plans*	*Harding Roberts Jeremy Tristan*		
Il-Birgu	Korrezzjoni ta' proprjetà 03000200 tal-pjanti rilevanti	Agius Giuseppa		LRA2777/2023
Birgu	*Correction on property 03000200 of relevant plans*	*Agius Giuseppa*		
Il-Birgu	Dritt ta' Kumpens fuq parti minn proprjetà 03000430 – LRA 3490/2006	Gvern ta' Malta		LRA2796/2023
Birgu	*Right of compensation on part of property 03000430 – LRA3490/2006*	*Government of Malta*		
Birkirkara	Direttt Dominju Perpetwu Plott 45, Triq L. Casolani kantuniera Triq Kalċidon Gatt (ġja 'Ta' Għerria' kontrada ta' Paris) tal-kejl ta' 208m.k.	Gvern ta' Malta		LRA2685/2023
Birkirkara	*Perpetual Direct Dominium Plot 45, Triq L. Casolani corner with Triq Kalċidon Gatt (gia 'Ta' Għerria' limit ta' Paris) covering an area of 208s.m.*	*Government of Malta*		
Birkirkara	Garaxx u għorfa Nru 56 qabel Nru 80, Triq il-Kbira Ħas-Sajjied, tal-kejl ta' 30.5m.k.	Borg Francis Xavier		LRA2770/2023
Birkirkara	*Garage and room No. 56 before No. 80, Triq il-Kbira Ħas-Sajjied*	*Borg Francis Xavier*		
Birkirkara	Direttt Dominju Perpetwu Fond 'Marantha' u garaxx Nru 78 u 80 (ġja Casa Borg), Triq il-Knisja l-Qadima, tal-kejl ta' 181m.k.	Gvern ta' Malta		LRA2876/2023
Birkirkara	*Perpetual direct Dominium Premises 'Marantha' and garage No. 78 and 80 (gia Casa Borg) ,Triq il-Knisja l-Qadima, covering an area of 181s.m.*	*Government of Malta*		
Birkirkara	Direttt Dominju Perpetwu Fond 'Pia Camilla', Triq Emanuel Benjamin Vella, tal-kejl ta' 292m.k.	Gvern ta' Malta		LRA2955/2023

No. 882

LAND REGISTRATION ACT

(CAP. 296)

Notice of Intention to Register Titles to Land

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Birkirkara	*Perpetual Direct Dominium Premises 'Pia Camilla', Triq Emanuel Benjamin Vella, covering an area of 292s.m.*	*Government of Malta*		
Birżebbuġa	Korrezzjoni ta' LRA3430/2009 tal-pjanti rilevanti	Gvern ta' Malta		LRA2836/2023
Birżebbuġa	*Correction of LRA3430/2009 correction of relevant plans*	*Government of Malta*		
Birżebbuġa	Korrezzjoni ta' proprjetà 15000662 – LRA2219/03 u LRA5767/2021 tal-pjanti rilevanti	Gvern ta' Malta		LRA2857/2023
Birżebbuġa	*Correction of property 15000662 – LRA2219/2003 and LRA5767/2021 of relevant plans*	*Government of Malta*		
Il-Fgura	Dirett Dominju Perpetwu 'Carmelini Flats' ġja Aurora, Fond 32, Triq il-Malviżż, tal-kejl ta' 210m.k.	Gvern ta' Malta		LRA2683/2023
Fgura	*Perpetual Direct Dominium 'Carmeline Flats' gia Aurora, Premises 32, Triq il-Malviżż, covering an ara of 210s.m.*	*Government of Malta*		
Il-Fgura	Utile Dominju Perpetwu 1/3 indiviż Mezzanin Nru 68, 'Narċis' ġja indikat Appartament Nru 2, 'Saint Louis Court', Triq ir-Riħan	Debono Josephine		LRA2805/2023
Fgura	*Perpetual Utile Dominium 1/3 undivided share of Masionette No. 68, 'Narċis' gia indikat Apartment No. 2, 'Saint Louis Court', Triq ir-Riħan*	*Debono Josephine*		
